XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 7**
**5 t'Awissu 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**<u>Uffiċjali:</u>**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 6 ma kienux lesti u ghalhekk ma setghux jigu approvati.

2. **<u>Triq Indri Borg</u>**

   F'dan il-hin il-Vici Sindku Dr Monica Vella qalet li ha tohrog minhabba li ghandha interess pekunjarju.

   Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kien iltaqa ma' Martin Vella u lahqu ftehim li l-kunsill ihallas lill-kuntrattur Mario Gatt tal-hajt u Martin Vella accetta din il-haga u li hu personali ser ikun responsabbli f'dak kollu li kien ilmenta fuqu u li jista jinqala. Dan i-ftehiem gie informat bih il-Kuntrattur u l-Perit u dan sabiex ukol tkun tista titkompla it-triq. Wara li giet analizata s-sitwazzjoni gie spjegat lill-kunsilliera l-ohra li din kienet l-ahjar ghazla ghal beneficcju ta kulhadd u l-kunsilliera kollha prezenti qablu ma dan u tinghalaq il-kaz u tkun tista titranga t-triq biex ir-residenti ma jbatux il-konsegwenzi ta' l-istat tat-triq. Is-Sindku xtaqt li dak li tkellmu fuqu Martinu Vella u hu jigi kollu bil miktub u iffirmat. Is-Sindku

qal li Martinu Vella ghandu jipprezenta l-Kunsill xi kontijiet ta' spejjez tad-dawl u hsarat tal-pompi. Il-Kunsill imbghad jiehu decizjoni fuq dawn meta jigu ipprezentati fil-laqgha.

Dan il-ħin Monica Vella issejħet biex terġgħa tidħol fil-kamra. Monica Vella reġgħet daħlet fil-kamra. Is-Sindku spjegala dak kollu li gie deciz .

F'dan il-hin wasal il-Kunsillier George Zammit.

3. **Latrina fil-Pjazza San Gwann Battista**.

Is-Segretarja infurmat li ircieviet telefonata minghand Victor Vella il-Health and safty manager fuq il-Progett tal-bini tal-Latrina fil-Pjazza San Gwann Battista. F'dan il-hin il-Vici Sindku Dr Monica Vella qalet li ha tohrog minhabba li ghandha interess pekunjarju. Victor Vella staqsa jekk il-Kuntratt hux ser jigi imgedded peress li skada biex filkaz johrog invoice tax-xogholijiet li saru minnu. Il-Kunsill qabel li mhux ser jigi imgedded u li Victor Vella jistgha jibghad il-kont ghax xogholijiet li saru skont it-tender rates kwotati. Is-Segretarja ghandha taghmel kuntatt mieghu.

4. **Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Dan il-ħin Monica Vella issejħet biex terġgħa tidħol fil-kamra. Monica Vella reġgħet daħlet fil-kamra

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

5. **Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**Mill-Korrispondenza**

1. Rapport minghand il-KNPD rigward it-tkabbir tal-bini tal-Kunsill Lokali.
2. Acknowledgement minghand il-MEPA rigward it-tkabbir tal-bini tal-Kunsill Lokali.
3. Ittra minghand il-MEPA dwar suspenzjoni fuq il-bini tal-latrina fil-Gnien ta' Blankas minhabba il-KNPD
4. Acknowledgement minghand il-MEPA dwar 'Reinstatement of dry stone wall, construction of footpath and fixing of benches' fil-Gnien ta' Blankas.
5. Ittra minghand il-MEPA dwar bdil ta' uzu residenzjali ghal uzu ta' Kunsill Lokali, bdil fil-faccata u bini fit-tieni sular.
6. Ittra minghand il-MEPA dwar 'Minor amendment to permission PA/00111/11' tal-Latrina fil- Pjazza San Gwann Battista.
7. Stima minghand Raphael Refalo rigward tabelli obligatorji li it-tipjip hu projbit fil-playgrounds. Il-Kunsill qabel li ghandhom jordnaw 12 il tabella.

8. Ittra minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar seminar dwar is-servizzi tas-sahha lokali.
9. Ittra minghand il-MEPA dwar laqgha fuq il-Gozo & Comino Local Plan.
10. Ittra minghand il-Heritage Superintendence dwar il-hlas tal-overtime tas-sena 2012. Il-Kunsill qabel li ghandu jithallas.
11. Ittra minghand TM dwar proposta ta' bdil fir-rotta tal-Arriva. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.
12. Ittra minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Presenza UE 2017 u ghall-fondi Ewropej dwar 'RDF 325- Xewkija a better place for all' li l-applikazzjoni giet rifjutata. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir appel formali b'ittra.
13. Memo 16/2013 dwar Kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokali ghal xiri ta' materjal edukattiv ghall-iskejjel.
14. Memo 15/ 2013 dwar l-uzu ta' l-internet banking.
15. Memo 10/2013 dwar Kuntratt tal-Kunsilli Lokali.
16. Memo 11/2013 dwar Hlas ta' taxxa u tal-bolla tas-sigurta' socjali.
17. Memo 12/2013 dwar artikli li jidhru fuq il-gazetti lokali.
18. Ittra minghand MIP dwar xogholijiet li ser issir fl-area tal-MIP mill-kuntrattur Gatt construction.
19. Ittra minghand WSC dwar stima ghal xogholijiet ta' pipelaying fl-area tal-Hamrija.
20. Memo 18/2013 dwar Car Free Day 2013. Il- Vici Sindku qalet li s-soltu kienet issir din l-attivita'u li ghandha terga issir. Il-membri l-ohra tal-Kunsill qablu li din is-sena ma japplikawx.
21. Ittra minghand il-MEPA dwar bzonn ta' aktar dokumenti fuq l-UIF fl-area tal-HOS. Il-Kunsill qal lis-Segretarja biex taghmel kuntatt mal-Perit inkarigat.
22. Ittra minghand Dr Kevin Mompalao dwar hajt imwaqqa fi Triq il-Mithna. Il-Kunsill ghandu jmur jara fuq il-post u jara x'hemm bzonn issir.
23. Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Arcipriet biex issir reklam tal-attivitajiet tal-Kunsill fuq il-Gourgion. Il-Kunsill qabel li ghandu jerġgħa isir dan ir-reklam bhas-snien ta' qabel.
24. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Ghaqda Drammatika Xewkija biex issir attivita fil-Milied fil-kollobarazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ghandhom iggibu aktar informazzjoni dwar din it-talba.
25. E mail minghand EDEN dwar hlas tal-membership u registrazzjoni ta' laqgha f'Brussels.
26. Memo 14/2013 dwar Permessi tal-Krejnijiet online.

XEWKIJA

## 6. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Suggeriment minghand il-Kunsillier Domenic Zerafa biex issir bozza gdida fl-area ta' Lambert. Il-Kunsill ghandu jara jekk fejn saret it-talba hux taht il-kunfini ta' Xewkija jew Ghajnsielem.

ii. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li ircieva ilment li waqqa hajt fl-area ta' Logga b'karozza u qieghed perikuluz hafna. Il-Kunsill qabel li ghandu jitranga l-hajt u issir tindif tat-triq peress li kienet ta' ostaklu biex jghaddu l-bdiewa peress li waqa l-hajt. Alfred Attard ghamel suggeriment biex issir tabela no entry biex ma jithlux karrozzi f'din iz-zona.

## 7. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fil-11:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |